MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Numru 29/2005

IL-PULIZIJA

SPETTUR JOSEPH AGIUS

VS

GUZEPPI BILOCCA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Giuseppi Bilocca ta' 49 sena, iben Ferdinando u Emilia nee' Cachia, imwieled Zurrieq, d.t.t. 10 ta' Settembru 1954, residenti 48, 'Joeann' Triq il-Giebja rumana, Zejtun, bin-numru ta' l-Identita' 696654(M)

Illi huwa akkuzat talli nhar it-02 ta' Novembru 2002, ghal habta ta' 05.45 ta' filghodu waqt li kien qed isuq il-vettura Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAB 059 fi Triq il-

President Anton Buttigieg Zejtun fid-direzzjoni ta’ Bir id-Deheb, b’nuqqas ta’ hsieb, traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna l-mewt ta’ Giuseppe Fenech li dak il-hin kien qed jaqsam din l-istess triq bi ksur ta’ l-Artikolu 225 tal-Kapitlu 9 tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kas.
Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-Verbal ta’ l-imputat a fol.132 tal-Process fejn ma sabx oggezzjoni illi jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

PS 249 a fol.14 et seq. ikkonferma illi kien accede fuq il-post ta’ incident awtomobilistku li sehh fit-2 ta’ Novembru 2002 fit-Triq Presidnet Anton Buttigieg, Zejtun. F’dan l-incident Joseph Fenech kien miet fuq il-post wara li gie milqut minn van Escort bajda bin-number AAB 059 misjuqa mill-imputat. PS 249 Curmi, xhed illi l-imputat kien qallu li waqt li kien qed isuq fid-direzzjoni lejn Hal Ghaxaq:

*“Qalli f’daqqa wahda smajt hoss kbir…sibtu fuq il-bonnet tieghi…qabel ma kontx rajtu b’ghajnejja.”*

Is-Surgent Curmi xhed illi kien kellem lil certu Joseph Mizzi li nfurmah illi kien kellem lil mejjet ftit sekondi qabel ma gara l-incident u nfurmah illi kien sema’ hoss kbir, mar u sab lil Joseph Fenech ma’ l-art u x-xufier ghadu hiereg minn gol-van. Surgent Curmi xehed illi dan l-incident fatali awtomobilistiku gara hdejn is-showroom ta’ Montebello Hal Ghaxaq, fejn hemm triq twila li ma hemm xejn li jostakola l-vizjoni. Surgent Curmi xhed illi l-Pulizija accedew ftit minuti wara li sehh l-incident u li dan l-incident kien sehh meta kien ghadu d-dlam. Ikkonferma

wkoll illi din it-triq ghandha s-servizz ta’ l-luce elettrika tat-toroq. Ikkonferma wkoll illi dakinhar ma kinitx qed taghmel xita. A fol.17, PS Curmi kkonferma illi vicin hafna ta’ fejn gara l-incident, kien hemm ‘pedestrian crossing’ u precizament fejn hemm sqaq Hal Bajjada. In kontro ezami s-Surgent ma setghax jiftakar jekk kemm-il darba d-dawl kienx fuq in-naha tal-lemin fejn hemm il-bini. Ikkonferma wkoll illi z-zebra crossing ma kinitx illuminata. Is-Surgent Curmi ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS a fol.21 et seq. flimkien ma’ l-iskizz li huwa ezebit u mmarkat bhala Dok.PS1 a fol.25 et seq. Gie pprezentat il-Process Verbal. Professura Maria Theresa Camilleri a fol.9 tal-process, flimkien ma’ Dr. Ali Salfraz kkonfermaw il-‘Post Mortem Report’ taghhom u kkonfermaw illi Fenech miet b’kawza ta’ frattura tal-kranju u emorolgija gewwa l-kranju u dana kompatibbli ma’ incident tat-traffiku.

A fol.10, Professura Maria Theresa Camilleri kkonfermat illi l-mejjet Fenech kellu l-ghajn il-leminija opaka, fis-sens illi ma setghax jara minnha.

PC1525, Patrick Farrugia, a fol.12 kkonferma r-relazzjoni tieghu fil-process verbal a fol.47 u kkonferma illi kien huwa li ha r-ritratti ftit wara l-incident.

Il-Perit Valerio Schembri, a fol.26, ikkonferma l-pjanta li huwa ghamel tal-post fejn gara l-incident u kkonferma r-relazzjoni tieghu a fol.117 et seq. A fol.27, u xhed illi l-vettura nvoluta fl-incident kellha daqqa fuq il-‘windscreen’ fuq in-naha ta’ isfel tax-xellug fuq in-naha tal-passiggier u li l-‘windscreen’ inqassmet kif ukoll il-‘wiper’. L-‘indicator’ ta’ l-istess naha, kienet imkissra u l-‘bumper’ tal-vettura wkoll kellha daqqa, dejjem fuq in-naha tal-passiggier. Il-Perit Valerio Schembri kkonferma illi l-hajt vicin taz-‘zebra crossing’ kien gholi xi seba’ filati waqt illi l-hajt fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hajt tas-sejjiegh baxx.

Joseph Zammit a fol.30, Espert Tekniku fil-vetturi kkonferma r-relazzjoni tieghu, ezebita fil-Process Verbal a fol.63 et seq. u tenna illi l-vettura li kienet qeghdha misjuqa mill-imputat Guzeppi Bilocca, kellha kollox

jahdem u jiffunzjona tajjeb, inkluz dak li ghandu x'jaqsam mad-dawl u mal-'brakes'.

Dr. Mario Scerri kkonferma r-relazzjoni tieghu a fol.73

Joseph Mizzi a fol.35 xhed illi ghalkemm hu ma rax l-incident isir, hu kien lahaq ra lil Fenech ma' l-art, ftit wara l-incident. Joseph Mizzi xhed illi huwa u Joseph Fenech kienu johorgu jonsbu flimkien. Joseph Mizzi xhed illi lil Joseph Fenech kien rah ftit qabel l-incident, qed jitkellem ma' persuna li kien qed isuq van u li pero' ma kellmux dak il-hin u li lanqas sellimlu. Mizzi xhed illi ftit wara dahal gol-garaxx tieghu, sema' 'brake' u hareg jigri u sab lil Fenech ma' l-art. Mizzi ma kienx f'pozizzjoni li jaghraf lil persuna li laqat lil Joseph Fenech. Xhed illi Fenech gie mitluq ma' l-art kemm xejn fil-genb u l-van kien boghod xi ghoxrin (20) pied minnu. Is-sewwieq tal-van fil-fatt kien jidher fil-van inkwetat u ppanikkjat. Joseph Mizzi xhed illi kien jaf illi Joseph Fenech kien nieqes mid-dawl, minn ghajn wahda u li kien jilbes nuccali.

Dr. Michael Sammut a fol.45 ipprezenta r-relazzjoni tieghu, Dok.MS, a fol.47 u xhed illi Joseph Fenech ma kellu ebda tracca ta' 'alcohol' jew xi medicinali ohra jew xi sustanzi estranei fid-demm jew fil-fluidi tal-gisem.

Il-Perit Richard Aquilina a fol. 48 kkonferma r-relazzjoni tieghu li tinstab a fol.52 tal-Process Verbal.

Spettur Nadia Lanzon ikkonfermat illi kien l-Ispettur Walter Spiteri illi ha hsieb ta' l-inkjesta u li l-imputat kien xhed fil-prezenza ta' l-Ispettur quddiem l-Espert nominat fl-inkjesta.

Brian Farrugia a fol.52 ikkonferma illi l-karozza AAB 059, Ford Escort van bajda, kienet registrata f'isem l-imputat Joseph Bilocca.

Dr. Marcel Tufigno a fol.55, ikkonferma illi huwa kien it-tabib li hareg ic-certifikat tal-mewt ta' Joseph Fenech wara li accede fuq il-post ta' l-incident tat-traffiku fatali. Ikkonferma r-ritratti li jidhru fir-relazzjoni ta' Dr. Scerri a

fol.74 sa fol.103 u xhed illi l-incident gara ghal habta tas-sitta ta' filghodu (6:00a.m.). Dak il-hin ma kienx dlam cappa izda kien qed jisbah.

Joseph Gafa, a fol.64, Operations Manager ta' l-EneMalta, kkonferma illi t-triq President Anton Buttigieg hija atrezzata bid-dawl tal-Gvern u li dan gie nstallat bejn sitta u tmien snin precedenti fejn id-dawl kien tat-tip isfar.

Spettur Walter Spiteri xhed illi huwa kien mar fuq il-post ta' l-incident. Ikkonferma illi ma kienx ha stqarrija ta' l-imputat izda dan kien xhed fil-Process Verbal quddiem l-Espert Dr. Aquilina.

Dr.Micallef Stafrace, Magistrat supplenti, ikkonfermat ix-xhieda illi hija hadet ta' Carmela Fenech.

Carmela Fenech, mart il-mejjet Joseph Fenech, xhedet illi r-ragel taghha, Joseph Fenech, kien hareg fit-2 ta' Novembru 2002 ghal-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu (6:30a.m.) sabiex imur jonsob. Kellu l-gabun fuq daru u kien sejjer jonsob fl-ghalqa vicin id-dar taghhom, cioe go sqaq numru 2, Triq President Buttigieg. Carmela Fenech ikkonfermat illi sabiex jaccedi ghal post fejn kien jonsob, ir-ragel taghha kellu jaqsam it-triq principali.

L-imputat Guzeppi Bilocca xhed illi Triq President Anton Buttigieg hija triq regolari tieghu u li jghaddi minnha xi tlett darbiet jew erba' darbiet kuljum. Ikkonferma illi jaf illi hemm tlett 'zebra crossings', wahda vicin hafna ta' fejn gara l-incident. L-imputat Bilocca xhed illi l-incident gara bejn tlieta u erba' metri l-boghod miz-'zebra crossing'. Huwa qal illi l-incident gara kmieni filghodu. Kien ghadu qed jisbah u li huwa kien sejjer ghax xoghol. L-imputat, Guzeppi Bilocca, xhed illi ftit qabel ma gara l-incident kienet ghaddiet karozza hamra b'velocita' eccessiva u qalaghtu u kien dak il-hin illi hass *"Bhal xi hadd waddabli xkora mas-side tieghi tal-windscreen"*. Bilocca kkonferma illi il-gabun kien wiehed mdaqqas, b'mod illi meta jintrefa fuq l-ispallejn, wiehed ikollu jinkina naqra 'l quddiem. Ikkonferma illi x-xoghol tieghu kien fuq 'maintanance' ma'

kumpanija Amerikana u li gieli jissejjah anke bil-lejl u fis-sieghat bikrijin ta' filghodu.

Fl-inkjesta, Guzeppi Bilocca, jispjega s-segwenti:

*"Qbadt it-triq minn hdejn l-HOE u l-velocita' tieghi kienet normali. …kont miexi b'xi hamsin u tletin kilometru fis-siegha, kelli d-dwal tal-karozza mixghulin. Jiena kont ghaddej vicin il-hajt u nghid illi qiesu wisa ta' karozza 'il barra. Naf li hin minnhom marret tghaddini vettura ohra izda din ma telfitnix. Dan gara ezatt qabel l-incident. F'daqqa wahda smajt qisu daqqa u rajt xi haga mal-windscreen man-naha tal-passiggier fejn ghandi l-windscreen imkissra. Waqaft ftit 'il fuq, inzilt sabiex nara x'gara u tatni fernezija meta rajt ragel mixhut ma' l-art. Nispjega illi d-daqqa smajtha hekk kif kont ser naqbad l-isqaq fuq in-naha tax-xellug."* (ara xhieda a fol.34 tal-Process Verbal).

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat huwa mixli taht l-Arikolu 225 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi:

*"Whoever, through imprudence, carelessness, unskilfulness in his art or profession, or non-observance of regulations, causes the death of any person, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding four years or to a fine (multa) not exceeding five thousand liri."*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs Perit Louis Portelli, deciza fl-4 ta' Frar 1961 kienet qalet is-segwenti:

*'Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Artiklu 239 (illum 225) tal-Kodici Kriminali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti - konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza) jew ta' hila (imperizia), fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament b'nuqqas ta' tharis tar- regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.'*

Fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Attard u Emanuel Mercieca, deciza mill-Appell Kriminali fil-31 ta' Jannar 1983, dik il-Qorti tkompli tfisser:

*'Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s- sapjenza umana identifikat mal-bonus pater familias; dik il- kondotta cioe' illi f'kaz konkret, kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih, fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret:*

*La diligenza del buon pater di familia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al guidice, la liberta' di valutazione. (vide Giorgi-Teoria delle Obbligazioni Vol 2, 27P.46).*

Infatti, Sir Anthony Mamo fin-nota tieghu dwar il-ligi fil-kamp kriminali, u b'referenza ghal omicidju nvolontarju jghid is- segwenti:

*'They show a subjective attitude of the offender towards his acts and their consequence, thus preventing him from acquiring foresight and consciousness of them and but for which he could have acquired such foresight and consciousness…*
*When the law requires in order that punishment may be inflicted, that the event should have been caused by negligence or imprudence, it means that the objective or material causation is not enough but that an enquiry has to be made into the mental attitude of the doer, in*

*order to ascertain whether his mind was at fault in failing to appreciate and therefore to guard against the harmful consequences of his act.(Lectures in Criminal Law page 69 and 70).'*

Fil-kaz Il-Pulizija vs John Vella, deciz fil-15 ta' Frar 1958, il- Qorti tal-Appell Kriminali stabbiliet is-segwenti:

*'Infatti d-definizzjoni klassika tal-kulpa kriminali tibqa' dik moghtija mill-Carrara (volume 1 parte generale) b'dawn il- kliem:*

*'La volontaria ommissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto' (para 80 page 114).'*

*Dan l-awtur ikompli jghid illi tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa fil-kriminal:*

*'il tripode sul quale si assiede la colpa sara' sempre questo:*

*(1) volontarieta dell'atto*
*(2) mancata previzione dell'effetto nocivo*
*(3) possibilita' di prevedere.'*

*L'Arabia – Princip. Dir.Pen.p.128 et seq – isegwi t-tejorija tal-kolpa tad-Dritt Ruman li fih ukoll kien jinghad illi 'quando il danno avveniva oltre quello che potevassi umanamente prevedere, era un infortunio non punibile: vi era colpa se vi era possibilita' di prevederla.'*

Mill-provi kollha migjuba a konoxxenza ta' din il-Qorti jirrizulta b'mod evidenti li l-mejjet Joseph Fenech illi kien waqaf jitkellem ma' sewwieq ta' van fit-tarf ta' l-isqaq numru 2, li kien persuna nieqes mid-dawl f'ghajn wahda u liebes nuccali, ddecieda li jaqsam ghan-naha l-ohra tat-Triq President Anton Buttigieg, triq principali, **ftit qabel** iz-'zebra crossing' li tidher fuq il-pjanta tal-Perit Valerio Scembri. **Dan kien nuqqas serju da parti ta' Joseph Fench**.

Il-Qorti ma tistax ma taghmilx accenn ghal fatt illi l-pozizzjoni taz-'zebra crossing' fi triq traffikuza bhal dik tal-kaz odjern **zgur tirrikjedi sinjali aktar cari u vizibbli u kellha tkun illuminata sabiex jigu evitati incidenti simili.**

Minn naha l-ohra l-imputat, Bilocca, bhala sewwieq tal-vettura, minkejja illi kellu d-dwal mixghulin, minkejja illi kien hemm mixghulin ukoll id-dawl sofor tat-toroq, u minkejja li ma kellu ebda fattur ta' klima sabiex ifixklu (la kienet xita u lanqas kien cpar) minkejja li kien ghaddej fuq triq dritta b'vizwali ta' tul ta' diversi mijiet ta' metri, minkejja dan kollu, **Guzeppi Bilocca xhed illi f'ebda hin ma ra lil Joseph Fenech qabel ma sehh l-incident.** Filfatt il-karozza tieghu waqfet ftit **wara z-'zebra crossing'**. Bilocca ddikkjara, fix-xhieda tieghu, kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll f'dik ta' l-inkjesta, **illi l-uniku haga li kien sema' kienet daqqa u ra bhal xkora sewda mal-'windscreen'**.

Il-Qorti rat dak illi gie sollevat fit-trattazzjoni tad-Difiza pero' b'ebda mod ma tista' takkolji l-kontenut u cioe illi kienet il-karozza l-hamra illi kellha r-responsabilita' ghal kif gara l-incident. Dana qieghed jinhad minhabba l-fatt illi, a tempo vergine, **l-imputat stess ammetta li l-karozza l-hamra ma kinitx li fixklitu.**

Illi l-Qorti kkonsidrat ukoll id-distanza konsiderevoli bejn il-katavru ta' Joseph Fenech u l-pozizzjoni ta' fejn wafqet il-karozza ta' l-imputat u cioe f'distanza ta' aktar minn tmintax-il metru (ara skizz Dok.PS1 at page 25) illi dan jirrifletti b'mod sostanzjali fuq il-velocita' li biha kien ghaddej l-imputat. Il-Qorti wkoll innutat li l-'break marks' tal-karozza ta' l-imputat kienu jibdew **minn wara l-katavru ta' Fenech u mhux qabel**. Il-Qorti nnutat ukoll ir-ritratti mehudin u kontenuti fir-relazzjoni ta' Dr. Mario Xerri illi juru fratturi multiplici, kompatibbli ma' impatt b'velocita' konsiderevoli.

Illi ghaldaqstant dan l-incident sehh b'rizultat ta' nuqqas serju ta' attenzjoni u bi 'speed' eccessiv li certament **ma huwiex indikat ghal sewwieq illi qieghed javvicina**

**‘zebra crossing’**, aktar u aktar meta, kif jghid ben tajjeb l-imputat, kien jaf bil-prezenza ta’ dawn it-tlett ‘zebra crossings’ f’din it-triq principali, triq maghrufa sew ghall-imputat, wahda illi kien jghaddi minnha b’regolarita’ ta’ tlieta jew erba’ darbiet kuljum. Il-fattur tan-nuqqas ta’ attenzjoni u ‘speed’ eccessiv huma l-fatturi kostitwenti tan-negligenza da parti ta’ l-imputat, li flimkien man-negligenza kontributorja tal-vittma, Joseph Fenech (spjegata aktar ‘il fuq) ghamlu dan l-incident awtomobilistiku wiehed fatali.

Illi kif gie spjegat mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sentenza fuq citata l-Pulizija vs. John Vella, n-nuqqas ta’ attenzjoni u l-‘ispeed’ eccessiv vicin ta’ ‘zebra crossing’ da parti ta’ l-imputat, kienu atti volontarji, kienu neqsin mill-previzjoni ta’ l-effett nociv ta’ l-azzjoni u l-imputat kellu kull possibilita’ jipprevedi l-konsegwenzi ta’ l-azzjonijiet tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat, Guzeppi Bilocca, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikolu 225 u 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 15(1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal erba’ snin. In oltre tordna s-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ta’ l-imputat ghal perijodu ta’ sena mid-data tallum u dana minkejja illi l-uzu tal-karozza mill-imputat hija parti integrali mill-impjieg tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------